MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru. 812/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Priscilla Caruana**

**vs**

**Carmel Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Carmel Borg ta’ 47 sena, bin John Mary u Ludgrada nee’ Said, imwieled Qormi fit-28 ta’ Lulju 1954 u residenti 10, Triq Oscar Testa, Attard BZN 02 u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0617654(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma’ Aluminium Extrusions Ltd, b’ diversi azzjonijiet maghmula fi zminijiet differenti u b’ rizoluzzjoni wahda, bhala persuna li thaddem u/jew manager, u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagatur, u ghaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-artikolu 23 (1) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap 372 (hawn izjed ‘il quddiem imsejjah l-Att) u r-Regola 30 tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-‘Final Settlement System (FSS) (hawn izjed ‘il quddiem imsejjha ir-Regoli), wara li thallsu emolumenti taxxabli taht l-Artikolu 4 (1)(b) u/jew (d) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap 123 bi ksur tad-dispozizzjonijiet li ser jissemmew :-

a) Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-Artikolu 23(1) ta’ l-Att u r-Regola 15(1) tar-Regoli, u dan ghall-perjodu Jannar 1998 sa Jannar 2002 u ghar-rigward tas-somma ta’ Lm273,528.00 (mitejn u tlieta u sebghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin).

b) Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artikolu 23(2) ta’ l-Att u r-Regola 15(1) tar-Regoli u dan ghar-rigward tal-prospett/i ghall-perjodu fuq imsemmi.

c) Approva ruhu, billi dawwar ghalih jew ghall-persuna/i ohra s-somma ta’ Lm273,528.00 (mitejn u tlieta u sebghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin) li huwa zamm taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali (Kap.9) u b’ dannu lill-Gvern ta’ Malta u ta’ diversi impjegati ta’ Aluminium Extrusions Ltd.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra milli tinfliggi l-pieni preskritti fis-subartikolu (9) ta’ l-Artiklu 23 ta’ l-Att, tordna lill-imputat jottempra ruhu mal-Ligi.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta’ Ottubru 2002 (esebit *a folio* 8

tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta' 16 ta' Dicembru 2002 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat fil-kwalita' tieghu ta' persuna li thaddem u ta' ufficjal principali (direttur) tal-kumpanija Aluminium Extrusions Limited u ghalhekk bhala l-persuna responsabbli skond l-Artikolu 23(1) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi akkuzat li naqas milli jibghat lil Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt it-taxxa mnaqqsa mill-emolumenti tal-impjegati tieghu kif tenut li jaghmel skond l-imsemmi Artikolu 23(1) tal-Kap. 372 u r-Regolamenti 15(1) tar-Regoli tal-1998 Dwar il-Final Settlement System u dan ghall-perijodu bejn Jannar 1998 sa Jannar 2002 u dan fl-ammont ta' Lm273,528.00. Huwa qed jigi akkuzat ukoll talli naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospetti dettaljati skond kif jirrikjedi l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 372 kif ukoll bir-reat ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li dawwar bi profitt ghalih is-somma ta' Lm273,528.00 liema ammont huwa zamm meta kien ingahta lilu sabiex isir uzu specifiku minnu, u cioe' li jithallas lil Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala l-ammont dovut bhala taxxa mill-impjegati tal-kumpanija Aluminium Extrusions Limited taht is-sistema tal-Final Settlement System u dan b'dannu kemm lil Gvern ta' Malta kif ukoll ghall-istess impjegati ta' Aluminium Extrusions Limited.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li fiz-zmien in dizamina l-kumpanija Aluminium Extrusions Limited kellha problemi finanzjarji kbar u kemm l-imputat meta xehed f'dawn il-proceduri kif ukoll ix-xhieda minnu prodotti (vide xhieda ta' Dr. Albert Grech li xehed fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2007) spjegaw ir-ragunijiet il-ghala il-kumpanija kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji. Irrizulta wkoll li l-imputat kien qed jipprova isalva l-kumpanija u kien ghalhekk qieghed ihallas lill-impjegati tieghu l-ammont dovut bhala paga netta u ghalhekk inaqqas l-ammont dovut bhala taxxa lid-Dipartiment tat-Taxxa izda ma kienx qed jghaddi l-istess ammont imnaqqas lid-Dipartiment. Mill-provi rrizulta wkoll li kien hemm negozjati ghaddejjin bejn l-imputat u d–Dipartiment ikkoncernat u ntlahqu xi arrangjamenti dwar kif l-imputat kellu jeffetwa il-pagamenti relattivi izda mix-xhieda ta' Ludgardo Mercieca, ir-rappprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, li xehed fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2008, jirrizulta li ilum il-gurnata ghad jonqos jithallas il-bilanc ta' Lm264.528 (€616,184) mill-ammont ta' Lm273,528 indikat fl-ewwel u t-tielet akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat isostni li huwa m'ghandux jinstab hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu ghaliex fiz-zmien in kwistjoni il-kumpanija Aluminium Extrusions Limited kienet ghaddejja minn problemi finanzjarji enormi u kienet qed taghmel l-ghalmu taghha sabiex thallas il-pagi tal-impjegati. Huwa jghid ukoll li meta inqalghu dawn id-diffikultajiet il-kumpanija kienet qed teffetwa pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni izda dawn il-pagamenti kienu jikkoncernaw arretrati dovuti u mhux l-ammonti dovuti ghal dak il-perijodu. Huwa qal ukoll li tul il-perijodu in kwistjoni dejjem intbaghtu il-prospetti dettaljati skond kif jirrikjedi l-Artikolu 23(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta izda ma kienx qed jintbghat il-pagament dovut skond l-imsemmija prospetti. Rigward it-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat jinghad mal-ewwel li mill-provi, u senjatamanet mix-xhieda ta' Manuel Silvio, Principal fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa, kif ukoll mix-xhieda ta' Kitienne Cachia senior clerk fi hdan id-Dipartiment, jirrizulta li l-imputat fil-fatt dejjem baghat il-formoli jew

prospetti relattivi ghall-perijodu in dizamina izda dawn ma kienux akkompanjati mill-pagamenti dovuti. It-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat ghalhekk ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

Jibqa' ghalhekk sabiex jigu kkunsidrati l-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat. In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza din tirrizulta pruvata minghajr ombra ta' dubju stante li l-imputat stess jikkonferma li huwa ma kienx effetwa il-pagamenti rikjesti mill-Artikolu 23(1) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm kif intqal aktar 'il fuq huwa jippreciza li dan il-fatt kien dovut ghall-problemi finanzjarji tal-kumpanija. In kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza, u cioe' dik ta' approprijazzjoni indebita l-imputat jissottometti li din l-akkuza bl-ebda mod ma tista' tinghad li tirrizulta pruvata fil-konfronti tieghu u dan principalment ghal zewg ragunijiet li huma is-segwenti:-

1. Il-flus qatt ma kienu ghad-disposizzjoni tieghu sabiex huwa jghaddihom lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li l-kumpanija a malpena kellha il-flus necessarji sabiex thallas il-paga netta dovuta lill-impjegati taghha u ghalhekk l-ammont in kwistjoni qatt ma kien jezisti materjalment; u
2. F'dan il-kaz hemm nieqes l-element tad-dolo, li huwa wiehed mill-elementi rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti ir-reat ta' approprijazzjoni indebita, u dan stante li l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li japproprija ruhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra mill-flus li ma gewx versati minnu lil Kummissarju tat-Taxxi Interni. Id-Difiza issostni li l-imputat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali meta hallas lill-impjegati tieghu il-paga bit-taxxa imnaqqsa u l-anqas volontarjament dawwar dak l-ammont imnaqqas fi flus bi skop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni u dan peress li dawk il-flus imnaqsa ma kienux jezistu fir-realta'.

Ikkunsidrat:

L-elementi essenzjali tar-reat ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew indikati bhala is-segwenti mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fis-sentenza tad-**9 ta Gunju 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Enrico Petroni et** fejn inghad li dan ir-reat isehh meta wiehed:-

1. jircievi flus jew xi haga minghand xi hadd;

2. bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;

3. u minflok ma jaghmel hekk, idawwar dawk l-flus jew dak l-oggett bi profit ghalih jew ghal haddiehor. [vide wkoll **Il-Pulizija v Alfred Grima et** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju 1998***].

Illi sabiex jissussisti dan ir-reat ghalhekk irid ikun hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja permezz ta' l-misapproprjazzjoni ta' oggett jew flejjes appartenenti lil haddiehor fdati lil xi hadd sabiex isir uzu minnhom specifikat. Effettivament il-vjolazzjoni tal-fiducja tavvera ruhha meta minflok isir l-uzu specifikat isir uzu differenti mill-persuna li lilha tkun giet fdata dak l-oggett jew dawk il-flus appartenenti lil haddiehor. Huwa necessarju ukoll illi jissussisti d-"dolo", jigifieri l-konsapevolezza illi qieghed jigi kommess att li jmur kontra r-rieda tal-proprjetarju tal-oggett jew tal-flus in kwistjoni. Finalment, jehtieg ukoll illi l-persuna tkun agixxiet sabiex tipprokura ghaliha innifsha jew ghal haddiehor profitt ingust.

Illi dwar il-profitt l-Antolisei ("Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331) jghid :

*Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che la gente abbia conseguito un profitto perche dalla formola del articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui*

*la volonta' si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*

Dan ifisser illi anke jekk effettivament is-suggett ma jottjeni l-ebda profitt ghalih, il-fatt illi l-intenzjoni tieghu kienet li jottjeni tali profitt huwa sufficjenti sabiex jissusisti r-reat ta' misappropjazzjoni.

Illi l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jitqies li jissussisti ir-reat ta' approprijazzjoni indebita. Huwa fil-fatt pacifiku li l-paga dovuta u miftehma lill-impjegat minn min jimpjegah tkun wahda gross, u cioe' mhux bit-taxxa imnaqqsa. Fil-kaz odjern l-ammont imnaqqas mill-imputat mill-paga dovuta lill-impjegati kien ghalhekk jappartjeni lill-istess impjegat u mhux lil kumpanija u t-tax liability kienet tal-impjegat u mhux tal-kumpanija. Min jimpjega u cioe' il-kumpanija giet fdata mill-impjegat taghha bl-ammont imnaqqas bhala taxxa dovuta minnu (mill-impjegat) sabiex hija tghaddih lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Tant hu hekk li dan tal-ahhar jista' fil-fatt idur kontra l-impjegat sabiex jigbor l-ammont dovut bhala taxxa mill-istess impjegat. Il-kumpanija li taghha l-imputat kien responsabbli kellha biss l-obbligu li tnaqqas l-ammont dovut bhala taxxa mill-paga dovuta minnha lill-impjegati u tghaddi dan l-ammont lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni izda minflok l-imputat konxjament u xjentement naqas milli jaghmel dan u minflok utilizza dawn il-flus li kien jaf li m'humiex tal-kumpanija sabiex jutilizzahom sabiex ikompli jopera l-istess kumpanija li kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji u huwa hawnhekk fejn jikkonkorri l-element formali tad-dolo ghaliex f'dan il-kaz irrizulta li l-imputat xjentement dawwar bi profitt ghall-kumpanija il-flus li kien jaf li gew fdati lilu mill-impjegati sabiex tithallas it-taxxa dovuta minnhom lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni. Tant l-imputat kien konxju li dawn il-flus ma kienux jappartjenu lill-kumpanija li huwa kien qed ihallas l-arretrati dovuti bhala taxxa imnaqqsa mill-pagi tal-impejgati ghal perijodi precedenti u inoltre kien dahal f'negozjati mad-Dipartiment sabiex ihallas l-ammont dovut ratealment. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat seta' kieku ried illikwida l-kumpanija u mhux minflok kompla jopera l-istess kumpanija bil-flus

imnaqqsa mill-pagi tal-impjegati u dovuti minnhom bhala taxxa.

L-imputat qieghed ghalhekk jinstab hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza migjuba fi-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali relattivament netta tal-imputat kif ukoll id-diffikultajiet li kienet ghaddejja minnhom il-kumpanija li huwa kien qed jopera u jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 28A u H. Irid izda jigi rilevat li mill-fedina penali esebita a fol. 7 tal-process jirrizulta li fil-11 ta’ Novembru 1997 l-imputat kien diga’ instab hati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta tar-reat ta’ approprijazzjoni indebita fejn l-approprijazzjoni indebita kienet tirrigwarda ammont dovut bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 23(1) u (13) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Reglament 15(1) tar-Regoli tal-1998 Dwar il-Final Settlement System, l-Artikoli 18, 31, 28A, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Carmel Borg hati tal-ewwel(1) u t-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija sospizi ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum. L-imputat qed jigi dikjarat mhux hati tat-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement liberat mill-istess akkuza.

Tordna wkoll li l-imputat ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni is-somma ta’ €616,184 (Lm264.528), liema ammont jirrapprezenta l-bilanc dovut minnu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq il-kumpanija li huwa direttur taghha, u cioe’ Aluminium Extrusions Limited.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi legali f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------